**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 8 ta' Novembru 2019**

**Appell numru: 19/17**
**Wara sentenza tal-Arbitragg Mandatorju M3893/2013SF**
**datata 6 ta' April, 2017**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Ciancio (1913) Company Limited kif ukoll Ciancio (1913) Company Limited f'isimha proprju**

**vs.**

**Ray Farrugia u GasanMamo Insurance Limited**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell tal-intimati Ray Farrugia u GasanMamo Insurance Limited minn decizjoni ta' Arbitragg Mandatorju datata 6 ta' April, 2017 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Dan l-arbitragg jikkoncerna r-responsabbilta' ghad-danni illi avveraw ruhhom fuq il-vetturi FUJ 115 u BRG 310 illi gew ikkagunati minn incident bejn diversi vetturi.*

*L-arbitru jaghmel referenza ghar-risposta tal-intimat Ray Farrugia, illi fejn jirrigwarda l-vetturi rispettivi tal-partijiet involuti f'dan l-arbitragg, huwa jammetti t-talbiet kwantu ghad-danni kollha li avveraw ruhhom fuq il-parti ta' wara u ghal nofs id-danni li avveraw ruhhom fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura FUJ 115, u cjoe' dik il-vettura illi hija proprjeta' tas-socjeta' attrici Ciancio (1913) Company Limited kif assikurata mis-socjeta' attrici l-ohra Citadel Insurance plc.*

*Ghaldaqstant, qieghda tigi kkontestatair-responsabbilta' ghad-danni sofferti fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura FUJ 115. L-arbitru, wara li sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti ma jara l-ebda raguni l-ghala t-talba tal-atturi m'ghandhiex tintlaqa' kollha kemm hi, u ghalhekk qieghed jaqta' jiddeciedi l-arbitragg billi jsib lill-intimat Ray Farrugia unikament hati tad-danni sofferti mill-vettura FUJ 115, u jikkundannah sabiex ihallas is-somma ta' elf seba' mija hamsa u sebghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€1775.62) flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data ta' l-incident ossia 11 ta' Dicembru 2012.'*

2. Illi l-lodo appellat nghata wara li l-appellati rikorrenti Citadel Insurance Plc noe et. sostnew li sehh incident awtomobilistiku nhar il-11 ta' Dicembru 2012 gewwa Santa Venera f'liema incident kien hemm involuti diversi vetturi imma dawk koncernati fil-kaz odjern kienu l-

vettura bir-registrazzjoni numru FUJ 115 proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti Ciancio (1913) Company Limited assigurata mas-socjeta' assiguratrici rikorrenti u l-vettura BRG310 misjuqa mill-intimat Ray Farrugia. Is-socjetajiet rikorrenti sostnew li l-intimat Ray Farrugia (assigurat mas-socjeta' GasanMamo Insurance Limited) kien unikament responsabbli ghall-incident bejn iz-zewg vetturi u talbu l-hlas ta' danni fis-somma ta' €1775.62.

Fir-risposta taghhom Ray Farrugia u s-socjeta' GasanMamo Insurance Limited sostnew kif isegwi:

'Illi dan il-kaz jirrigwarda *multiple front-to rear collision* li fiha kienu nvoluti l-vettura FUJ 115 proprjeta' tar-rikorrenti Ciancio u assigurata mar-rikorrenti l-ohra; il-vettura BRG 310 misjuqa mill-intimat Farrugia u l-vettura IBH 228.

Illi d-dinamika tal-incident kienet tali li l-vettura FUJ 115 habtet ma' dik IBH 228 qabel ma', sussegwentement, habtet fiha l-vettura BRG 310. F'dawn ic-cirkustanzi, l-esponenti jhossu li huma ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni kollha li avveraw ruhhom fuq il-varrani tal-vettura FUJ 115 u kwantu ghal nofs id-danni li avveraw ruhhom fuq

il-parti ta' quddiem ta' dik l-istess vettura (u wkoll nofs il-hsarat sofferti fil-vettura IBH 228).

Fid-dawl tal-premess, l-esponenti qeghdin jammettu t-talbiet fil-limiti tal-premess u jikkontestawhom fil-kumplament. L-esponenti jiddikjaraw minn issa li huma sejrin immedjatament ihallsu d-danni f'dawn il-limiti.

Fir-rigward tal-ispejjez, l-esponenti jissottomettu li dawn ghandhom jigu akkollati nterament lir-rikorrenti proprju ghaliex l-esponenti lhom li offrew lir-rikorrenti li l-vertenza tigi solvuta b'dan il-mod sa mit-3 ta' Awwissu 2013.'

4. Rat illi l-intimati Ray Farrugia u GasanMamo Insurance Limited appellaw mid-decizjoni u ressqu erba' aggravji kif isegwi:

'Fl-ewwel lok, l-esponenti ma jaqblux li Ray Farrugia ghandu jgorr ir-responsabbilta' ghal dan l-incident.

Fit-tieni lok . . . l-arbitru naqas milli jiehu in kunsiderazzjoni l-fatt li fil-11 ta' April 2014, l-esponenti kienet diga' hallset lir-rikorrent, tramte l-agenta taghha Victoria Insurance Agency Limited, is-somma ta' €1,012.50 akkont tad-danni sofferti minnhom.

Fit-tielet lok, lanqas ma jaqblu mad-decizjoni tal-arbitru li biha huwa kkundanna lill-esponenti jhallsu l-imghaxijiet fuq l-ammont tad-danni sofferti mir-rikorrenti b'effett mid-data tal-incident.

Fir-raba' lok, huma jissottomettu li ma ghandhom ibatu l-ebda parti mill-ispejjez ta' dan l-arbitragg.'

5. Rat illi r-rikorrenti appellati fil-qosor irrispondew kif isegwi:

i) Illi fl-ewwel lok, l-appell sar fuori termine stante li eccedew il-hmistax-il jum stipolati fl-artikolu 70 (2) tal-Kap. 387;

ii) In-nullita' tal-appell stante li skont l-appellati l-appellanti kellhom ai termini tal-artikolu 70 (2) tal-Kap. 387 jinnotifikaw bl-appell lill-arbitru Dr. Stefano Filletti u c-Centru Malti ghall-Arbitragg;

iii) Illi fil-mertu l-lodo appellat huwa gust u jimmerita li jigi konfermat. Jinsistu li l-apprezzament maghmul mill-prim'istanza ma ghandux jigi disturbat sakemm ma jezistux ragunijiet gravi biex tali apprezzament jigi varjat u li f'dan il-kaz ma jezistux ragunijiet gravi li jimmeritaw tali varjazzjoni.

iv) Dwar il-pagamenti li sar fil-mori tal-arbitragg l-appellati jaqblu li dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni u jithallas lilhom biss il-bilanc li ghadu dovut;

v) Dwar l-imghax jikkoncedu wkoll li dan ghandu jigi kkalkulat mid-data tal-ewwel sejha ghall-hlas;

vi) Dwar l-ispejjez isostnu li dan l-aggravju m'ghandux jintlaqa' stante li l-komunikazzjonijiet bejn il-partijiet qabel ma gie ntavolat l-arbitragg kienu minghajr pregudizzju.

6. Semghet l-appell tal-partijiet fis-seduta tal-7 ta' Lulju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum. Rat l-atti kollha tal-appell u tal-arbitragg. Rat ukoll l-atti tal-arbitragg annessi b'ordni ta' din il-Qorti M4184/2014.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi in vista tal-eccezzjoni tal-*fuori termine* stante li din l-eccezzjoni jekk gustifikata tistultifika l-bqija tal-appell il-Qorti ser tghaddi sabiex fl-ewwel lok tikkunsidra din l-eccezzjoni.

Illi l-artikolu 70 (2) tal-Kap. 387 jaqra kif isegwi:

*'Ir-rikors imsemmi fl-artikolu 69A (2) ghandu jsir fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika lir-rikorrenti tad-decizjoni skont dan l-Att, u r-rikorrent ghandu jinnotifika lill-arbitri u lic-Centru kopja tar-rikors kemm*

*jista' jkun malajr skont kif ikun prattikabbli, izda mhux iktar tard minn hmistax-il gurnata wara l-prezentata tar-rikors.'*

Il-Qorti rat illi l-lodo tal-arbitragg igib id-data tas-6 ta' April, 2017. L-appell odjern igib id-data tal-24 ta' April, 2017 cioe' tmintax-il gurnata wara d-data tal-lodo.

Rat illi permezz ta' Nota tar-Registratur tac-Centru dwar l-Arbitragg ta' Malta li ma ggib ebda data, l-istess Centru pprezenta l-inkartament ta' dan il-kaz quddiem il-Qorti. Ghalkemm din il-Qorti gharblet pagna pagna dan l-inkartament, ma jirrizulta minn imkien meta u kif il-lodo in kwistjoni giet notifikat lill-appellanti odjerni. Fil-fatt ghalkemm permezz ta' ittra datata 7 ta' Frar, 2017 jidher li l-partijiet gew infurmati li l-lodo kellu jinghata nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu, 2017, fil-fatt jidher li dan inghata nhar is-6 ta' April, 2017 minghajr mal-partijiet gew infurmati mqar b'ittra li ser jinghata dak in-nhar. Almenu fl-inkartament ma hemm l-ebda prova ta' dan. Fl-istess inkartament lanqas tirrizulta xi prova dwar jekk il-lodo ntbaghatx lill-partijiet permezz tal-posta.

Illi din il-Qorti in vista tan-nuqqas ta' prova li turiha l-jum li l-appellanti gew notifikati bid-decizjoni appellata ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni tal-*fuori termine*.

8. Illi in vista wkoll li l-eccezzjoni tan-nullita' tal-appell wkoll jekk gustifikata tistultifika l-bqija tal-appell il-Qorti ser tghaddi sabiex fit-tieni lok tikkunsidra din l-eccezzjoni li wkoll temani minn qari tal-artikolu 70 (2) tal-Kap. 387 li fil-parti rilevanti ghal dan l-aggravju jaqra kif isegwi:

*'u r-rikorrent ghandu jinnotifika lill-arbitri u lic-Centru kopja tar-rikors kemm jista' jkun malajr skont kif ikun prattikabbli, izda mhux iktar tard minn hmistax-il gurnata wara l-prezentata tar-rikors.'*

Illi mill-atti tal-appell jirrizulta li fil-31 ta' Mejju, 2017, rizultat tal-intavolar tal-appell odjern, kienet il-Qorti stess li talbet l-inkartament tal-arbitragg in kwistjoni lic-Centru wara li nfurmatu li kien effettivament gie ntavolat appell mill-istess. Finalment dan l-inkartament wasal fl-atti u huwa a dispozizzjoni tal-Qorti. Il-Qorti tqis ghalhekk li l-iskop tan-notifika msemmija fl-artikolu 70 (2) tal-Kap. 387 ntlahaq u li ghalhekk in-nuqqas ta' notifika formali kif imsemmija fl-artikolu 70 (2) tal-Kap. 387 fi kwalunkwe kaz ma tasalx ghas-sanzjoni tant estrema tan-nullita' tal-appell u ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

9. Illi mir-risposta ghall-appell jirrizulta li t-tieni aggravju mqajjem mill-appellanti huwa ammess mill-appellati. It-tieni aggravju kif gia suespost isostni li:

'Fit-tieni lok . . . l-arbitru naqas milli jiehu in kunsiderazzjoni l-fatt li fil-11 ta' April 2014, l-esponenti kienet diga' halset lir-rikorrent, tramite l-agenta taghha Victoria Insurance Agency Limited, is-somma ta' €1,012.50 akkont tad-danni sofferti minnhom.'

L-appellati fir-risposta taghhom jaqblu li dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni u jithallas lilhom biss il-bilanc li ghadu dovut. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-tieni aggravju tal-appellati minghajr pregudizzju izda ghall-bqija tal-aggravji.

10. Illi fil-mertu jirrizulta li bi qbil bejn il-partijiet, stante li fl-incident in kwistjoni kien hemm involuti erba' vetturi, il-provi nstemghu kollha mill-istess arbitru u l-lodo arbitrali nghata kontestwalment fiz-zewg procedimenti. Nonostante dan, l-appellati jsostnu li l-lodi moghtija xorta wahda rrizulta li kien hemm inkonsistenzi bejniethom.

Jirrizulta lill-Qorti li l-Arbitru wasal ghad-decizjoni tieghu dwar l-incident awtomobilistiku hawn fuq deskritt wara li kkunsidra l-provi segwenti:

*'Neville Agius (KI 7276M) bil-Malti bil-gurament prodott mir-rikorrenti (Arb 3893/13) bil-Malti u bil-gurament ighid:*

*L-incident sehh nhar il-11.12.12 ghal habta tas-07.00am. Jien kont bil-vettura FUJ-115. Kont Santa Venera fil-bypass ta' Santa Venera fid-direzzjoni tal-Marsa. Hekk kif kont ser naqbad il-mina, jiena kont wieqaf fit-traffic jam ta'*

*filghodu. Kienet ix-xita. Il-vettura ta' warajja BRG 310 (Ray Farrugia) dahal fiha u mbuttani 'il quddiem u jiena hbatt ma' IBH 228 (MSI). Bid-daqqa IBH 228 habtet mal-vettura ta' quddiemi EBN 798 (terz estranju). Fil-mument li habtet mieghu BRG 310 (Ray Farrugia) jiena kont wieqaf. Imlejna l-formola tal-bumper to bumper. Bid-daqqa l-karozza ckienet fis-sens illi kelli daqqa fuq wara u ohra quddiem. Ray Farrugia ta' BRG 310 beda jibki ghaliex kellu qatgha fuqu. Qalli li kien ser inehhi l-van peress illi din kienet it-tieni jew it-tielet habta bih. Imbaghad huwa wassalni x-xoghol. Qieghed nipprezenta sett ta' ritratti li juru l-vettura wara l-impatt u qed nimmarkahom Doks NA 1, 2, 3A, 3B, u 4. Qabel l-impatt id-distanza bejni u l-vettura ta' qabli kienet madwar kwart u nofs tul ta' vettura.*

*Kontroezami*

*Ma nafx kemm kont ilni wieqaf. It-traffic kien start-stop. Warajja ma nafx nghid jekk kienx hemm traffic. Jien quddiem bdejt inhares u fl-ebda hin ma harist lejn il-mera biex nara wara. Ma nafx jekk kienx hemm vojt warajja jew le. Id-daqqa li kelli minn wara kienet daqqa qawwija. Hadt skoss. Ma hux minnu dak li qed jigi suggerit lili illi BRG 310 habtet mieghi wara li jiena kont hbatt mal-vettura ta' qabli.*

*Din kienet ix-xhieda ta' Neville Agius dettata fil-prezenza tieghu stess.*

*Ray Farrugia (KI 35663M) bil-Malti u bil-gurament ighid:*

*Jiena kont qed insuq BRG 310 dakinhar ta' l-incident. Jiena gej mill-Universita' sejjer fid-direzzjoni ta' Hal Qormi. Kienet ix-xita u ma kontx qed insuq b'xi sahha. Ma nafx ezatt b'kemm kont ghaddej. Kont fil-karregjata ta'*

*barra ghaliex wara l-mina kont ser indur lejn Hal Qormi. Jiena hallejt distanza mill-vettura ta' qabli. Waqt li kont qed insuq fil-karregjata tieghi l-vettura FUJ-115 dahlet u infilzat ruhha quddiemi. Ma halliliex spazju bizzejjed sabiex nikkontrolla u nzomm il-vann tieghi minkejja li kont ghaddej bi speed baxx. FUJ-115 ibbrejkja f'daqqa u habat ma' ta' quddiemu. Kien dak il-hin li jiena hbatt ma' FUJ-115.*

*Kontroezami*

*Meta FUJ-115 giet quddiemi ma kienx hemm distanza bejnietna. Jiena ghafast il-brejk x'hin rajt din il-vettura quddiemi tibbrejkja. Il-brejk tieghi zamm izda peress illi ma kienx hemm distanza hbatt mieghu. . . .*

*. . . .Odelone Scerri (KI 488862M) bil-Malti u bil-gurament ighid:*

*Dakinhar ta' l-incident jiena kont qed insuq il-vettura IBH-228. Kont wahdi. Kont sejjer ix-xoghol direzzjoni tal-mini ta' Santa Venera. Kont fuq il-lane ta' barra (lemin). It-traffiku kien miexi bil-mod. Fl-ahhar mumenti qabel l-incident bdejt nisslowja minhabba t-traffiku u hassejt daqqa minn wara. Bid-daqqa tefani fuq il-vettura ta' quddiemi. Sakemm qlajt id-daqqa kont miexi bil-mod hafna. Anke ta' quddiemi kien ghadu miexi bil-mod. Infatti ta' quddiemi kemm missejtu naqra u lanqas ghamilt hsara. Lanqas ried li naghmlu bumper to bumper form. Id-daqqa li hassejt kienet ftit qawwija peress illi wegghajt. Kienet Subaru FUJ-115 (Neville Agius) u kienet ta' "Fuji". Jien bid-daqqa wegghajt il-muscle ta' dahri. Ghaddiet ftit anqas minn minuta sakem hrigt u domt minhabba li wegghajt. Ma hassejtx impatti ohra u ma niftakarx jekk smajtx xi haga ohra sakemm hrigt. Meta hrigt sibt li kien*

*hemm il-vetturi "FUJ-115" mahbuta fiha u tmiss mieghu minn wara kien hemm SUV jew pickup. Din kienet vettura kbira. Kif din il-vettura spiccat ma' "FUJ-115" ma nafx. Kont inxurjat fully comprehensive ma' Bonnici Insurance. Hallast l-excess ta' madwar hamsa u hamsin Euro.*

*Kontro-ezami*

*Naqbel illi l-habta saret fis-07.20 am u dan kien ir-rush hour u kien hemm hafna traffiku. Kienet ix-xita u l-art kienet imxarrba. Qabel il-habta ma niftakarx nisma' xi brejkijiet. Il-vettura warajja qabel l-impatt ma rajthiex. B' riferenza ghal Dok RF1 li hija l-front to rear form li mtliet bejni u FUJ-115 nikkonferma li din iffirmajtha jien ukoll. Qed issirli referenza ghal rimarka li ghamel Neville Agius illi huwa ddikjara li habat wara li ntlaqat minn vettura ohra, nghid li dakinhar ta' l-incident dan ma qalulix. Nghid illi din ir-rimarka ktibtha jien bi zball peress illi jiena ridt niktibha fil-kolonna tieghi u ghalhekk ridt infisser illi Neville Agius kien dahal fiha minn wara. Il-hsarat ta' wara ta' FUJ-115 ma nafx x kien hemm. Jiena dort mal-vettura tieghi. Naf li FUJ-115 kellu hsara quddiem ghax habat mieghi. Nghid illi bejni u FUJ-115 kien hemm ftit spazju. Bejn FUJ-115 u l-vettura ta' warajh ma kienx hemm.*

. . . . .*Dr Filletti jaghmel referenza ghad-dikjarazzjoni tal-intimati fl-arbitragg 4184/14 fil-mori tad-differiment li permezz taghha ddikjaraw li qed jikkontestaw il-quantum tad-danni pretiz mill-atturi.*

*Joseph Muscat (KI 231168M) bil-Malti u bil-gurament ighid:*

*Jiena motor vehicle surveyor. Nghid li gejt imqabbad minn Bonnici Insurance bhala agenti ta' Middlesea Insurance sabiex nispezzjona VW Polo Classic*

*proprjeta' ta' Odolon Scerri. Qed nesebixxi Dok JM1 li hija survey tal-vettura. Dan huwa differenti minn RF2 li huwa survey report iehor tieghi ta' l-istess vettura. Originarjament indikajna li l-bumper ta' wara kellu jinbidel. Ma nstabx bhala pattern originali u sewwejnih minflokk. Ghalhekk l-ispejjez kienu nqas. Bhala loss of use kif indikat f' Dok RF3 nikkonferma illi hallasna ta' erbat ijiem meta jiena awtorizzajt hamsa. Dok RF4 nghid illi spejjez ta' labour u spray huma korretti u jaqblu. Nghid li fuq l-istess dokumenti nikkonferma l-firma tieghi. L-ispejjez fuq il-parts indikati f'Dok RF5 dejjem bil-firma tieghi. B'kollox ghalhekk hemm total ta' spejjez ta' €1426.06 li maghhom jizdiedu survey fees ta' €40.76 li jgib ammont globali ta' €1466.82.*

*Kontroezami:*

*Nghid illi isfel fis-survey report hemm indikati xi spejjez addizzjonali. Dawn ikunu xoghlijiet illi l-mecchanic ikun irriskontra waqt li qed jaghmel ix-xoghlijiet . Dawn huma nkluzi fit-total li ghadni kif tajt.*

Konsegwentement l-arbitru ghadda sabiex fil-qosor u skjettament jiddeciedi li r-responsabbilta' tal-incident kienet tinkombi fuq l-appellant odjern kif gia suespost.

11. Illi fil-mertu tal-ewwel aggravju taghhom l-appellanti jaghmlu referenza ghal-lodo tal-arbitragg konness u li dwaru kienu qed jinstemghu l-provi kontestwalment u nghata l-lodo fl-istess hin mill-arbitru. L-appellanti jsostnu li f'dak il-lodo ddecieda kif isegwu:

*'L-arbitru wara li sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti jinnota li minn naha wahda jidher car li s-sewwieq tal-vettura BRG 310 ikkaguna l-incident meta laqat il-karozza FUJ 115 min-naha ta' wara, izda min-naha l-ohra, Neville Agius u cjoe' s-sewwieq tal-vettura FUJ 115 naqas milli jzomm bizzejjed distanza bejn il-vettura tieghu u l-vettura ta' quddiemu b'hekk laqat il-vettura bin-numru IBH 228 tar-rikorrenti Odelone Scerri'*

u ghalhekk isostnu l-appellanti illi l-arbitru ghadda sabiex ikkundanna lil Neville Agius u lil Ray Farrugia jhallsu fi kwoti ugwali bejniethom id-danni sofferti fil-vettura ta' Odilon Scerri.

L-appellanti jissottomettu li la darba Neville Agius, li kien qed isuq il-vettura FUJ 115, gie dikjarat responsabbil tal-inqas fi kwota ta' 50% ghall-kollizjoni bejnu u bejn il-vettura ta' quddiemu misjuqa minn Odilon Scerri u ghalhekk gie kkundannat jaghmel tajjeb ghal nofs mill-ispejjez sofferti f'dik il-vettura, isegwi skont l-appellanti li huwa ghalhekk responsabbli u ghandu jaghmel tajjeb ukoll fl-istess kwota ta' nofs ghall-ispejjez sofferti mill-vettura misjuqa minnu fuq il-parti ta' quddiem. Dan huwa appuntu l-kontestazzjoni tal-appellanti sa mill-bidu tal-arbitragg. L-appellanti jinsistu li la darba Neville Agius gie misjub responsabbli fi kwota ta' nofs ghall-hsarat fil-vettura IBH 228 ma hemm assolutament l-ebda raguni li tiggustifika l-ezenzjoni mir-responsabbilta' fl-istess kwota ta' nofs ghall-hlas tal-hsarat fil-parti ta' quddiem tal-vettura misjuqa minnu stess FUJ 115 fid-decizjoni odjerna appellata.

Illi da parti taghhom l-appellati jsostnu li ma hemm ebda inkonsistenza bejn il-lodi stante li jinsistu li l-arbitru sab lill-appellant Ray Farrugia u Neville Agius responsabbli ghall-hsarat fil-vettura ta' quddiemhom misjuqa minn Odilon Scerri izda sab lil Ray Farrugia unikament responsabbli talli habat fil-vettura ta' Neville Agius w'ghalhekk l-appellati jsostnu li l-appellat korrettement gie ordnat jaghmel tajjeb ghall-hsara kollha ta' Neville Agius.

Illi jirrizulta izda lil din il-Qorti li fil-lodo konness Neville Agius gie dikjarat li naqas fis-sewqan tieghu meta ma zammx bizzejjed distanza bejn il-vettura tieghu u l-vettura ta' quddiemu b'hekk laqat il-vettura bin-numru IBH 228 ta' Odilon Scerri wara li l-vettura tieghu ntlaqtet minn dik tal-appellant odjern. Dan ifisser illi l-arbitru fehem illi kieku Neville Agius zamm id-debita distanza, nonostante l-habta tal-vettura tal-appellant mal-vettura ta' Neville Agius, il-vettura ta' Agius ma kinitx tahbat ma' dik ta' quddiemha u dik il-hsara kienet tigi evitata. Fil-fatt l-arbtiru fil-lodo konness sab lil Agius responsabbli ghal nofs il-hsarat sofferti mill-vettura ta' quddiemu filwaqt li n-nofs l-iehor gie dikjarat li kellu jaghmel tajjeb ghalihom l-appellant odjern. Nonostante din id-dikjarazzjoni ta' nofs ir-responsabilita' minhabba n-nuqqas ta' distanza finalment fil-kaz odjern, l-arbitru ddecieda b'mod kontradittorju ghall-ahhar li Neville Agius ma kellu jsofri l-ebda parti mill-hsara sofferta fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura tieghu konsegwenza tan-nuqqas dikjarat tieghu li jzomm id-debita distanza.

Din il-Qorti taqbel mal-aggravju tal-appellanti li f'dawn ic-cirkustanzi Agius kellu jigi dikjarat responsabbli ghal nofs il-hsarat sofferti fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura misjuqa minnu sabiex b'hekk il-lodo odjern ikun konsistenti ma' dak li nghata kontestwalment.

Illi din il-Qorti ghaldaqstant in vista tas-suespost ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti u tordna li nofs il-hsarat sofferti mill-vettura tal-appellat Neville Agius fuq il-parti ta' quddiem ghandhom jigu sopportati minnu b'dana li l-appellanti ghandhom jinstabu responsabbli ghall-hsarat kollha fuq il-parti ta' wara tal-vettura misjuqa minn Neville Agius FUJ 115 u nofs il-hsarat biss sofferti fuq quddiem tal-vettura.

12. Illi mir-risposta ghall-appell jirrizulta wkoll li l-appellati jaqblu in parte mat-tielet aggravju tal-appellanti dwar l-imghax li izda minn naha taghhom isostnu li dan ghandu jigi kkalkulat mid-data tal-ewwel sejha ufficjali ghall-hlas. L-appellanti fl-aggravju taghhom izda jsostnu ma ghandux jithallas imghax stante li l-pagament sar fit-30 ta' Jannar, 2014. Mill-atti jirrizulta li l-ewwel sejha ufficcjali kienet l-intavolar tal-abritragg odjern nhar l-20 ta' Dicembru, 2013 u kien dan li wassal finalment sabiex inhareg il-pagament datat 30 ta' Jannar, 2014. Fic-cirkustanzi l-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' t-tielet aggravju limitatament fis-sens li l-imghax li ghandu jigi kkalkulat mid-

data tal-ewwel sejha ufficcjali ghall-hlas li kienet id-data tal-20 ta' Dicembru, 2013 u mhux mid-data tal-incident.

13. Illi jonqos ghalhekk li jigi kunsidrat l-ahhar aggravju fejn l-appellanti jsostnu li ma ghandhom ibatu l-ebda parti mill-ispejjez tal-arbitragg ghar-raguni li huma mill-ewwel ammettew ir-responsabilta' tal-incident kif appuntu dikjarata fil-lodo konness u ghalhekk skont l-appellanti dan l-arbtiragg, b'naqra bon sens u ko-operazzjoni seta' facilment jigi evitat. L-appellanti jsostnu li stante li dak li kien ghaddej bejn il-partijiet kien kollu minghajr pregudizzju allura l-argument tal-appellanti dwar l-ispejjez ma jreggix. Stante li din il-Qorti, ghar-ragunijiet suespoti, ser tghaddi sabiex tilqa' l-aggravju dwar ir-responsabbilta' ghall-hsarat sofferti mill-vettura FUJ 115 fuq il-parti ta' quddiem u stante wkoll li jirrizulta li mmedjatament wara l-intavolar tal-arbitragg sar pagament sostanzjali mill-appellanti din il-Qorti tqis li jkun ekwu u gust li filwaqt li l-appellanti jigu allokati tliet kwarti tal-ispejjez, l-appellati ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-kwart l-ispejjez tal-arbitragg. Ghal dak li huwa appell stante li l-aggravji kollha qed jigu b'mod jew iehor milqugha u stante li l-Qorti tqis li dan l-appell seta' facilment gie evitat b'naqra buon sens bejn il-partijiet, l-appellati ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tal-appell.

**Decizjoni**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' w'tiddeċiedi l-appell interpost billi filwaqt li tilqa' l-aggravji kollha tal-appellanti sakemm dawn huma konsistenti ma' dak hawn fuq deċiż tgħaddi sabiex:**

**1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata permezz tad-digriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2019 fl-atti;**

**2. Tirriforma d-deċiżjoni appellata fl-ismijiet premessi billi tiddikjara li għall-inċident li seħħ fil-11 ta' Diċembru 2012 bejn il-vettura BRG 310 u FUJ 115, l-appellant Ray Farrugia jaħti għall-ħsarat sofferti fuq in-naħa ta' wara ta' FUJ 115 filwaqt li r-responsabbilta' għall-ħsarat fuq in-naħa ta' quddiem tal-istess vettura FUJ 115 hija tal-appellant Ray Farrugia u tal-appellat Neville Agius fi kwoti ndaqs bejniethom u cioe' nofs bin-nofs;**

**3. Tikkonferma li mill-atti jirriżulta nkontestat li l-appellanti diġa' ħallsu s-somma ta' €1012.50 lill-appellati w'għalhekk din is-somma għandha titnaqqas minn dak dovut lill-appellati;**

**4. Mħijiex f'pożizzjoni iżda mill-atti li tikkonferma jekk il-bilanċ li għad fadal jitħallas jirrappreżenta nofs l-ispejjeż inkorsi sabiex tiġi rranġata l-ħsara fuq quddiem w'allura huwa responsabbilta' tal-appellati stess u tista' tikkonferma biss li jekk dan huwa minnu minn kalkoli li jistgħu biss jagħmlu l-partijiet allura l-appellanti ma**

**fadlilhom ihallsu xejn aktar lir-rikorrenti salv spejjez u mghaxijiet kif dikjarati f'din id-decizjoni;**

**5. Tvarja l-lodo appellat u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti appellati limitatatament ghall-hsarat fuq il-parti ta' wara tal-vettura FUJ 115 u nofs il-hsarat fuq il-parti ta' quddiem FUJ 115 b'dana li l-partijiet ghandhom jaraw bejniethom jekk is-somma gia mhallsa ta' €1012.50 (skont is-survey esebit) tkoprix ezatt dawn il-hsarat jew le stante li din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li taghmel dan. Jekk mill-kalkoli skont is-surevey esebit jirrizulta li nofs il-hsarat tal-parti ta' quddiem fil-vettura FUJ 115 u l-hsarat kollha fuq il-parti ta' wara jaccedu s-somma ta' €1012.50 id-differenza ghandhom jaghmlu tajjeb ghaliha l-appellanti;**

**6. Tvarja wkoll dik il-parti tal-lodo dwar l-imghaxijiet u tordna li dawn ghandhom ikunu dovuti mid-data tal-prezentata tal-avviz ta' arbitragg u cioe' dik tal-20 ta' Dicembru, 2013 sad-data tal-pagament effettiv li jirrizulta li hija dik tat-30 ta' Jannar 2014. Salv imghaxijiet fuq xi differenza li tista' tirrizulta li jista' jkun ghadha dovuta skont il-paragrafu 5 ta' din id-decide kif suespost.**

**7. Tvarja wkoll dik il-parti tal-lodo dwar l-ispejjez u tordna li l-ispejjez tal-arbitragg ghandhom jigu sopportati fi tliet kwarti mill-appellanti u kwart mill-appellati filwaqt li l-ispejjez tal-appell ghar-**

**ragunijiet suesposti ghandhom jigu sopportati nterament mill-appellati.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**